*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37

Il-Ħamis 13 ta' Jannar 2022

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (attenda b`mod virtwali)

SKUZATA:
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

JAG.
EV

| | |
|---|---|
| **37.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 37.1.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li s-Sa Anabelle Marmara talbet li tigi skuzata ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kelliex kontroll fuqha u s-Sur Ismael Dalli talab li jattendi ghall-laqgha b`mod virtwali. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| **37.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 37.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 35 flimkien mal-kopja tal-minuti tal-laqgha b`urgenza nnumerata 36 u l-kopja tal-minuti tal-laqgha Annwali Generali, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 37.2.2 | Is-Sur Neil Portelli ppropona u Sur Thomas Debattista ssekonda l-minuti tas-Seduti numrati 35,36 flimkien mal-minuti tal-laqgha Annwali Generali u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **37.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 37.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-parkegg ta` fejn l-iskola infetah ghall-pubbliku u saret ukoll konferenza stampa mill-Ministru ghall-Infrastruttura. |
| 37.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li saret konferenza stampa fil-prezenza tal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali sabiex ir-*Reach Out Centre-Community Hall* jinfetah ufficjalment. |
| 37.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv qed jahdem fuq il-process tas-sistema tal-kiri tal-5 aside grawnd u spjega li s-Segretarju Ezekuttiv kellem lill-Bank sabiex isir *Merchant Account* ghall-hlasijiet online. Is-Sindku prezenta kuntratt tal-*acopay* sabiex jigi approvat u spjega li ma kull tranzizzjoni se jkun hemm hlas ta 0.45%. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-kuntratt gie approvat. |
| 37.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv qed ikollu laqghat sabiex il-Kunsill jibda s-sistema tal- permessi *online*. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv kellem lill-Bank sabiex isir *Merchant Account* ghall-hlasijiet *online*. Is-Sindku prezenta kuntratt tal-*acopay* sabiex jigi approvat u spjega li ma kull tranzizzjoni se jkun hemm hlas ta 0.45%. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-kuntratt gie approvat. |



JAG
EV

| | |
|---|---|
| 37.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Agenzija Komunita` Malta estenzjoni ghall-progett tal-5 aside grawnd minhabba li d-dokumenti rikjesti mill-Awtorita tal-Ippjanar kienu se jiehdu aktar fit-tul. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv talab ukoll aktar fondi ghall-progett minhabba li l-grawnd se jkunu qed jizdiedulu aktar alterazzjonijiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se tinaghta risposta fil-jiem li gejjijn. |
| 37.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li regaghet intbghatet korrispondenza sabiex jigi nstallat il-WIFI4EU fil-lokalita`. Is-Sindku spjega kif kien ghamel l-ghalmu tieghu billi mar ikellem lill-kap tal-iskola u kif is-Segretarju Ezekuttiv kien kellem lill-Tarxien Rainbows imma hadd ma ried li dan il-WIFI jigi nstallat. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-persuna responsabbli mill-WIFI4EU ssugeriet postijiet ohra ta` terzi u mhux ihossu komdu jmur jghidilhom. Is-Sindku zied jghid li kien hemm ukoll rikjesta sabiex isir fil-grawnd tal-5 aside imma l-Kunsill m` ghandux fejn ipoggi s-*server* ta` dan il-WIFI. Is-Sindku spjega li difficli hafna biex tinstab kamra maghluqa fejn jitpogga s-*server*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-kuntrattur ghandu jigi nfurmat li l-Kunsill Lokali m`ghandux fejn jinstalla l-WIFI u li kieku l-Kunsill gie nfurmat qabel li jrid ikun hemm kamra disponibbli maghluqa ghas-*server* ma kienx jaccetta mill-bidu. |
| 37.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 37.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **37.5** | **Rapporti** |
| 37.5.1 | Is-Sindku prezenta l-*Performance Bonus* tal-haddiema Amministrattivi tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjea l-*performance* tal-haddiema matul is-sena 2021. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-haddiema haqqhom il-massimu tal-*performance bonus* ghax jahdmu qatiegh is-sena kollha. Is-Sindku qabel mad-diskors tas-Segretarju Ezekuttiv u staqsa ghall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-*Performance Bonuses* tal-haddiema Amministrattivi gew approvati. |
| 37.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li persuna li taghmel parti mis-sottokumitat tal-Vici Sindku kelmitu u nfurmatu li l-ikel tal-attivita` tal-anzjani ma kienx tajjeb ghax kien kiesah. Il-Vici Sindku Darlene Vella Zammit qalet li l-fran ta` fejn saret l-attivita` ma kienux qed jahdmu ghaldaqstant l-ikel mhux kien hazin imma kien kiesah. Is-Sa Darlene Vella Zammit prezentat rendikont tal-infieq tal-attivita` flimkien mal-kwotazzjonijiet li ngabru mill-amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera prezenti li dan il-*caterer* inghazel ghax kien l-irhas fost il- |



JAG
EV

| | |
|---|---|
| | kwotzzjonijiet li ngabru. Is-Sa Darelene Vella Zammit talbet lis-Sindku li bhal ma hi prezentat rendikont tal-attivita`, kull attivita lissir f `isem il-Kunsill ghandu jigi prezentat rendikont mill-Kunsillier responsabbli. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li wara kull attivita` irid jigi prezentat rendikont tal-infieq. |
| 37.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li meta tkun se ssir attivita` kull Kunsillier irid jaghti l-informazzjoni necessarja lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv xahar qabel, sabiex ikun hemm bizzejjed hin biex ix-xoghol tal-attivita` isir b`kawtela. |
| 37.5.4 | Is-Sur Christian Pace informa lill-Kunsilliera prezenti li qed jiddiskuti ma zewg ahwa Tarxinizi sabiex issir attivita` tal-wirja tal-Gimgha l-kbira. Is-Sur Christian Pace qal li jekk ir-regolamenti tal-Awtorita tas-sahha jibqghu kif inhuma huwa jipproponi li ssir din il-wirja d-Dar tal-Kejka u qal li se jkun qed izzomm il-Kunsill infurmat u jaghti d-dettalji. |
| 37.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jipproponi li fuq rikjesti ta` Toroq li jigu *one ways* , il-Kunsill ghandu jsaqsi lir-residenti tat-Triq jew ihalli r-residenti jghamlu petizzjoni qabel. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-proposta tas-Sindku giet accettata bil-kundizzjoni li l-Kunsill ikollu dejjem id-decizzjoni finali. |
| **37.6** | **Mozzjonijiet** |
| 37.6.1 | *Mozzjoni Numru 1*<br><br>Jiena bhala persuna responsabbli mit-transport qed naghmel din il-mozzjoni biex ix-xoghol tiegħi jsir fil-waqt mhux kif ġara fil-passat.Kull bidu ta' kull ġimgħa ser nibda nibgħat email lis-Segretarju Esekuttiv li hi l-persuna responsabbli mill-ħaddiema li jagħmlu dan ix-xogħol, fejn ninfurmha ix-xogħolijiet tat-Transport li għandu jsir f'dik il-ġimgħa stess miż-żewġ persuni li jagħmlu dan ix-xogħol. F'każ li jkun ser jitkompla t-traffic Management li diġa bdejt, meta jkollna l-approvazzjoni min Transport Malta it-tabelli jeħlu kollha fl-istess żmien.<br><br>Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-mozzjoni taghddi fuq kundizzjoni li l-emejl tax-xogholijiet tintbghat kull xahar u mhux kull gimgha.<br><br>Proponent – Darlene Vella Zammit<br><br>Sekondant – Christian Pace |



JAG

EV

*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **37.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 37.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fis-27 ta`Jannar 2022 se jsir l-*opening* tat-*Tender* tal-Van tal-Elettriku. |
| **37.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 37.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 31/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Dicembru / Jannar 2022 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 37.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Neil Portelli ssekondata mis-Sur Thomas Debattista l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **37.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 37.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-19.50p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 9 ta' Frar 2022 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Jannar 2022.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv